MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2005

Numru 110/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**Vs**

Mario Grima

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Mario Grima ta' karta numru ta' identita' 698555(M), akkuzat talli:

Nhar is-Sibt 31 ta' Lulju, 2004 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-hanut 'Scarpucci' fi Triq it-Torri f'Tas-Sliema, iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement, ghamel uzu ta'

dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' trademark registrata.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jametti l-akkuzi fl-liema ammissjoni insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-ammissjoni tal-imputat hi wahda volontarja u inkondizjonata. Konsegwentement huwa ghandu jinstab

hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Dawn l-akkuzi jittrattaw l-qerq fil-kummerc taht l-Artikolu 298(1)(a)(b)(c)(d) u l-vjolazzjoni tad-drittijiet tal-awtur ta' l-Artikolu 298B tal-Kap 9.

Tiddecidi ghalhekk fil-waqt li ssib l-imputat hati tal-akkuzi kontra tieghu li tikkundannah Lm300 multa u tordna d-distruzzjoni tal-oggetti in kwistjoni u formalment esebiti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------